MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 1204/2005

**Rimus Trading Agency Limited**

**vs**

**Angelo Cutajar & Sons Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti premettiet:

Illi permezz ta’ sentenza deciza mill-Awla tal-Qorti Civili fit-23 t’April 1999, kopja ta' liema sentenza tinsab hawn unita u mmarkata Dokument A, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenut Angelo Cutajar & Sons Company Limited fl-ammont komplessiv ta' elfejn u mitejn Lira Maltija tlieta u erbghin centezmu (Lm2,200.43) inkwantu elf, tliet mija u erbghin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm1,340.35) bhala sorte rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lillistess socjeta'; in kwantu ghal mitejn sebgha u ghoxrin

Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm227.75) bhala spejjez gudizzjarji u dan skond taxxa hawn unita u mmarkata Dokument B; in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm25.20) bhala Taxxa tal-Valur Mizjud; u in kwantu ghal sitt mija u seba' Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm607.63) bhala imghax legali mid-data tas-sentenza sal-lum.

Illi minkejja illi ghaddew izjed minn hames snin, sal-lum is-socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx lis-socjeta' rikorrenti l-ammont dovut skond is-sentenza fuq citata u lanqas l-imghaxijiet u l-ispejjez ta' l-istess kawza.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha tezegwixxi din is-sentenza, salv kull provvediment illi jidhrilha opportun.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` intimata notifikata ma prezentatx risposta u lanqas ma kkontestat it-talba odjerna *da parte* tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b’dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija fit-23 t’April 1999, fejn is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenut Angelo Cutajar & Sons Company Limited fl-ammont komplessiv ta' elfejn u mitejn Lira Maltija tlieta u erbghin centezmu (Lm2,200.43) inkwantu elf, tliet mija u erbghin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm1,340.35) bhala sorte rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti tal-ikel mibjugha u kkonsenjati lill--istess socjeta'; in kwantu ghal mitejn sebgha u ghoxrin Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm227.75) bhala spejjez gudizzjarji u dan skond taxxa hawn unita u mmarkata Dokument B; in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm25.20) bhala Taxxa tal-

Valur Mizjud; u in kwantu ghal sitt mija u seba' Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm607.63) bhala imghax legali sas-16 ta' Dicembru 2005.

Bl-ispejjez, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Dicembru, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------